MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 142/2006/1

**Maria Dolores armla minn Nazzareno Ciantar f'isimha proprja u bhala mandatarja ta' binha l-assenti Tabib Dottor Etienne Ciantar kif awtorizzata bi prokura generali, u Jeanette Ciantar**

**v.**

**John Gracey u martu Josephine Gracey**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**
B'rikors guramentat ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Frar 2006, l-atturi premettew: illi bi skrittura tat-28 ta' Mejju 2004, redatta min-Nutar Dottor

John Gambin li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, il-konvenuti kkostitwew ruhhom debituri tal-mejjet Nazzareno Ciantar fis-somma ta' Lm34,000 li kellhom jithallsu mal-bejgh tad-dar Marouska b' garaxx anness maghha fi Triq n-Naxxar San Gwann; illi l-imsemmija dar inbieghet fis-27 ta' Jannar 2005, b' kuntratt tan-Nutar John Gambin li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B; illi l-imsemmi Nazzareno Ciantar miet fit-23 ta' Novembru 2005, intestat u halla bhala werrieta tieghu l-unici zewg uliedu Tabib Etienne Ciantar u Jeanette Ciantar hawn annesi bhala dokumenti E, F u G; illi ftit qabel ma miet l-imsemmi Nazzareno Ciantar, informa lill-attrici Dolores Ciantar u lil bintu Jeanette Ciantar illi l-imsemmija konvenuti huma debituri tieghu fis-somma fuq imsemmija oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005; illi b' ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 li kopja taghha qieghda hawn annessa u mmarkata bhala Dokument C, il-mejjet Nazzareno Ciantar kien interpella lill-konvenuti biex ihallsu s-somma fuq imsemmija, pero` baqghu inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida x' jissollevaw u l-atturi jiddikjaraw li jafu huma infushom b' dawn il-fatti kif fuq dikjarati; dan premess ir-rikorrenti talbu li dik il-Qorti:
"a) tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-Artikolu 167 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta:

"b) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' LM34,000 oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005 rapprezentanti kreditu dovut lill-atturi skond skrittura tat-28 ta' Mejju 2004 redatta minn Nutar Dottor John Gambin, hawn annessa bhala Dokument A.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 u l-Mandat ta' Sekwestru numru 327/06 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

Dik il-Qorti wara li rat li l-konvenuti debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghu kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehru, ghaddiet biex ippronunzjat ruhha fuq it-talba billi ddisponiet:

"Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talba tal-atturi, b'dan illi:

"1. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi is-somma ta' LM34,000 oltre l-imghax legali mis-27 ta' Jannar 2005 rapprezentanti kreditu dovut lill-atturi skond skrittura tat-28 ta' Mejju 2004 redatta minn Nutar Dottor John Gambin, hawn annessa bhala Dokument A.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Gunju 2005 u l-Mandat ta' Sekwestru numru 327/06 kontra l-konvenuti."

**L-appell tal-intimati.**

Il-konvenuti John u Josephine Gracey hassew ruhhom aggravti bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fit-30 ta' Mejju, 2006 talbu li din l-Qorti joghgobha:-
"a) tiddikjara li l-esponenti ghandhom ragunijiet validi fil-ligi li jiggustifikaw li jigu ammessi jikkontestaw il-kawza fl-ismijiet premessi;

"b) konsegwentement tirrevoka u thassar s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Mejju, 2006;

"c) konsegwentement ukoll, tilqa' l-appell tal-esponenti u taghtihom il-fakulta` li jipprezentaw risposta guramentata u/jew l-provi kollha biex jopponu t-talba tal-atturi appellati jew, jekk din il-Qorti hekk jidhrilha opportun, tirrimetti l-kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tisma' hi lill-partijiet u l-provi kollha sabiex l-istess partijiet ma jitilfux il-beneficcju tad-*doppio esame.*

"Bl-ispejjez kontra l-atturi appellati."

Ir-rikorrenti (atturi) appellati pprezentaw risposta ghar-rikors fuq imsemmmi ta' l-intimati fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu li l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti inkwantu s-sentenza hija gusta u timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

Mir-rikors ta' l-appell jidher li l-appellanti ressqu bazikament zewg aggravji kontra s-sentenza appellata u cioe`
"A) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li huma kienu debitament notifikati bir-rikors guramentat tal-atturi u li baqghu kontumaci u ma dehrux ghas-smigh tal-kawza;

"B) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata wkoll meta ddecidiet li kien hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza.

Din il-Qorti pero`, tenut kont tat-talbiet ta' l-appellanti fir-rikors ta' l-appell, jidhrilha li ma tistax tikkunsidra dawn l-aggravji billi ma saret ebda talba biex jigi dikjarat li n-notifika tar-rikors promotur kienet vizjata u konsegwentement nulla. Fl-assenza ta' tali talba w l-akkoljiment taghha jekk ikun il-kaz, din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fuq il-kontumacja o meno ta' l-istess intimati, u naturalment ma tistax tezamina jekk l-intimati kellhomx raguni tajba *prima facie* biex jikkontestaw it-talbiet attrici.

Dan premess izda din il-Qorti, b'referenza ghall-ewwel aggravju ta' l-appellanti, hija tal-fehma li fi kwalunkwe kaz dan mhux gustifikat. Infatti jirrizulta in atti li fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2006, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tar-rikorrenti li n-notifika ta' l-intimati ssir *ai termini* ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Sussegwentement ghal dan jirrizulta li saret l-affissjoni ta' l-att promotur fl-indirizz moghti u cioe` 55, Triq il-Molletta, Swieqi, San Giljan; saret l-affissjoni ta' l-istess att fl-Ghassa tal-Pulizija ta'

San Giljan; kif ukoll l-affissjoni fil-Kunsill Lokali ta’ San Giljan; saret il-Pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-Gurnal l-Orizzont. Jidher ghalhekk li gew sodisfatti r-rekwiziti ta' l-Artkolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-appellanti izda qed jilmentaw li l-fond fejn saret l-affissjoni u cioe` 55, Triq il-Molletta, Swieqi ma kinitx ir-residenza ufficjali taghhom fi zmien tan-notifika billi huma kienu joqghodu fil-fond li jinsab 88, Triq Mikiel Angelo Cagiano, San Giljan. Biss jirrizulta li fl-iskrittura (Dok A) tat-28 ta’ Mejju 2004, minn fejn tirrizulta l-kostituzzjoni ta’ debitu, l-istess intimati indikaw bhala l-indirizz taghhom il-fond fis-Swieqi u dan minkejja li, kif jirrizulta mill-verbal tas-6 ta’ Mejju, 2008, “*fiz-zmien meta giet redatta l-iskrittura fl-2004 huwa* [cioe` l-intimat] *ma kienx joqghod fit-Triq il-Molletta.*” Di piu` f’ittra mibghuta fl-1 ta’ Marzu, 2006 mid-difensur ta' l-intimati lir-rikorrenti Maria Dolores Ciantar, liema ittra ntbghatet wara li l-istess intimati gew notifikati b’mandat ta’ sekwestru li, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, gie notifikat lill-istess intimati fid-dar 88, Triq Mikiel Angelo Cagiano, The Village, San Giljan, huma indikaw bhala l-indirizz taghhom il-fond li jinsab gewwa 55, Triq il-Molletta, Swieqi.

Inoltre jigi osservat li l-affissjoni saret ukoll fl-ufficju tal-Kunsill Lokali u fl-Ghassa tal-Pulizija tad-distrett fejn ghandhom ir-residenza effettiva l-istess appellanti. Kif ukoll saret, kif diga` nghad, il-pubblikazzjoni kemm fil-Gazzetta tal-Gvern u f’gazzetta ta’ kuljum. Dan fil-fehma ta’ din il-Qorti jfisser li gew osservati r-rekwiziti ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------